MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 353/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti nomine ippremetta :

Illi l-mandant tieghu u l-konvenuta zzewgu f'Malta nhar it-tnax t'April tas-sena elf disgha mija u sitta u tmenin (12.04.1986);

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied; G fis-6 ta April 1987 u H fil-11 ta Ottubru 1988 u ghalhekk illum huma t-tnejn ta' eta maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn erba’ (4) snin u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni vigenti bejniethom datat 19 ta’ Settembru 2003 u redatt fl-Atti tan-Nutar Anthony Abela (Dok GM 2);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn / familji godda;

Illi l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt ta’ manteniment reciproku skond l-istess kuntratt ta’ separazzjoni personali u ghalhekk l-ebda manteniment m’hu dovut;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab ghalhekk li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Gunju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-attur nomine;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Ikkunsidrat :

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Settembru 2003 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi il-partijiet kienu irrinunzjaw ghad-dritt ta' manteniment reciproku skond il-kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ulied il-partijiet illum il-gurnata huma maggorenni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------